Qorti ta’ l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 239/2012 AE

**L-Awtorita’ Ghat-Trasport f’Malta**

**vs**

**Joseph Brincat u b’digriet ta’ dan it-Tribunal tal-20 ta’ April, 2012 il-kunjom Brincat inbidel ghal Bezzina**

Il-Ġimgħa, 3 ta’ Ġunju 2016.

Permezz t’avviz preżentat fit-22 ta’ Marzu, 2012 quddiem it-Tribunal Għal Talbiet Zgħar, l-Awtorita’ attrici talbet li l-konvenut jiġi kkundannat iħallasha elfejn, sitt mija u sebghin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€2,670.34) rappreżentanti ħlas għas-servizzi ta’ irmiġġjar fir-rigward tal-bastiment *Deep Blue* li provdietlu fuq talba tiegħu stess. Il-konvenut wieġeb li:

(i) l-azzjoni attrici hi nulla u bla effett peress li l-Awtorita’ ghat-Trasport f’Malta m’għandha l-ebda *locus standi* attiv, u dan *ai termini* tal-Artikolu 12(2) tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(ii) l-azzjoni attrici hija ukoll nulla u bla effett, stante li ma hemm indikat bl-ebda mod ghal liema rmiġġ u ghal liema marina ġestita mill-Awtorita’ jirreferu t-talbiet attrici;

(iii) l-ammont kif dedott fit-talbiet attriċi mhux dovut, u dan stante li l-esponenti ghandu arranġament mal-awtorita’ attrici dwar *fee* stabbilita, u l-awtorita` attrici b’effett mis-sena 2011 arbitrarjament żiditha bi ksur tal-istess arranġament.

B’sentenza tal-11 ta’ Lulju 2014 it-Tribunal ċaħad it-talba tal-attriċi wara li qal:

*“Illi l-Awtorita’ tat-Trasport minkejja li kellha l-legal notice 103/11 li jgħaddilha l-poter fittura tagħħa ħasset ili għandha toħroġ agreement ġdid lis-sidien tal-jottijiet.*

*Dan jimxi sal-interpretazzjoni li t-Tribunal iħoss li hija ġusta tal-legal notice u ċioe’ l-legal notice tagħti l-poter li min ikun qed imexxi l-Marina jiffissa r-rati tal-fees. Dan l-Awtorita’ kienet diġa ghamlitu meta ffirmat u ftehmet mal-konvenut dwar ir-rata ta’ ħlasijiet li kellu jħallas. Il-legal notice ma jgħidx illi tista’ tgħolli r-rati imma li l-Awtorita’ iva tista tiffissa r-rata pero’ sa permessi ġodda mhux persuni li diġa’ kellu ftehim ta’ ħlas.*

*Minbarra dan l-Awtorita’ wara tlett snin illi ħarġet il-legal notice ma ġabitx provi illi għamlet xi*

*miljorament fil-marina. Ġabet provi li applikat ghal permessi. Xehdu xi persuni iżda li x-xogħol ġie eżegwit ma nġabet ebda prova. B'hekk it-Tribunal ma jħossx illi l-Awtorita' hija ġustifikata li tgħolli r-rati miftehma mal-konvenut."*

L-Awtorita' Ghat-Trasport f'Malta appellat mis-sentenza, bl-aggravju li:

(i) is-sentenza hija nulla stante li d-deċide hu kontradittorju

(ii) id-deċiżjoni hija bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-liġijiet viġenti, u partikolarment ir-Regolamenti dwar iċ-Ċentri tal-*Yachting*.

L-intimat iddefenda s-sentenza u saħaq li kien hemm ftehim iffirmat mill-Awtorita` mal-intimat dwar ir-rata li kellu jħallas qabel ma ġie fis-seħħ l-Avviż Legali 103/11, li ma jawtorizzax l-awment tar-rati tal-ħlas, li jħalli f'idejn l-operaturi privati, u li japplika biss għal irmiġġjaturi ġodda.

B'riferenza ghall-ewwel aggravju, id-decide tas-sentenza tat-Tribunal taqra:

*"Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talbiet attriċi pero' jordna lill-konvenut sabiex iħallas l-ammont miftiehem mal-Awtorita' oriġinarjament u cioe' dak li kien iħallas sal-2010."*

F'dak li ddeċieda t-Tribunal m'hemm xejn kontradittorju. Hu evidenti li t-Tribunal laqa' t-talba tal-attriċi ghall-ħlas bit-tariffa kif kienet qabel 'l 2011 u caħad it-talba tal-attriċi ghall-ħlas taż-żieda fil-*berthing fee*.

Fil-meritu jirriżulta li:

i) L-irmiġġ kien irregolat bl-Avviż Legali 71 tas-sena 1992. Dak iż-żmien l-Awtorita` Marittima ta' Malta kienet tiġġestixxi ċ-ċentri ta' *yachting* fejn kien isir l-irmiġġ u Regolament 20 tal-avviż legali kien jipprovdi li min jirmiġġja jew jankra f'dawn iċ-ċentri kellu jħallas id-dritt li jissemma fl-iskeda li kien hemm fl-istess Avviż Legali. Ma jirriżultax dak li tgħid is-sentenza tat-Tribunal li l-Awtorita` kienet daħlet f'xi ftehim miktub mal-intimat dwar it-Tariffi. It-tariffi kienu stabbiliti mil-liġi u mhux b'kuntratt.

ii) Il-parti l-kbira taċ-ċentri tal-*yachting* ġew ipprivatizzati u allura ma baqgħux jiġu ġestiti direttament mill-Gvern tramite l-awtorita` kompetenti, li sadanittant saret Transport Malta, li ħadet ir-rwol ta' regolatur, b'xi eċċezzjonijiet żgħar fosthom fejn jirmiġġja l-intimat li baqa' jiġi ġestit minn Transport Malta. Minħabba dan l-iżvilupp, l-Avviż Legali 71 tas-sena 1992 fuq imsemmi ġie mħassar u minfloku ddaħħal l-Avviż Legali 103 tas-sena 2011[1] b'regolamenti ġodda li ma jiffissawx iktar it-tariffi ta' ħlas għall-irmiġġ għaliex dawn iħallihom f'idejn l-operaturi taċ-ċentri rispettivi (Regolament 11(2)).

---

[1] Skond Regolament 19: ***"The Yachting Centres Regulations 1992 are hereby being revoked."***

iii) L-Awtorita` tat-Trasport ukoll iffissat tariffi ġodda għall-postijiet li baqgħu jiġu ġestiti direttament minnha u dawn it-tariffi ġew ikkomunikati lill-klijenti wara l-ħruġ tal-Avviż Legali 103/2011, li ġie fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011 (ara Regolament 1(2)). Ġaladarba t-tariffi l-antiki ma baqghux fis-sehh in kwantu l-Avviz Legali 71 tal-1992 gie mħassar, l-attrici kellha kull dritt li tirrevedi l-mizata li titħallas ghall-irmiġġ fil-Marina tal-Gżira. L-avviż legali ma jipprovdix dwar kemm għandha tkun il-*berthing fee*. Hu evidenti li din il-materja m'għadhiex regolata mil-liġi u għalhekk hi fid-diskrezzjoni tal-operatur tal-Marina. Min-naħa tiegħu l-konvenut kellu l-għazla li jew jaċċetta r-rata ġdida jew jirrinunzja ghall-post tal-irmiġġ. Il-fatt li kien jirmiġġa qabel 'l 2011, ma jagħtih l-ebda dritt kweżit li t-tariffa tibqa' fissa diment li jibqa' jirmiġġa fil-Marina tal-Gżira. Il-jedd tal-irmiġġ tiegħu kien għal perjodi ta' sitt xhur kull darba u **mhux għal żmien indefinit jew perpetwu**.

iv) L-Awtorita` qed titlob il-ħlas għall-irmiġġ għal żewġ perjodi ta' sitt xhur il-wieħed; mill-1 ta' Jannar 2011 sal-aħħar ta' Ġunju 2011 u mill-1 ta' Lulju 2011 sal-aħħar ta' Diċembru 2011, skont ir-rati l-ġodda li ħarġet l-istess Awtorita' li waqqa' l-Avviż Legali ta' qabel[2].

v) iż-żieda fit-tariffi ma kienet bl-ebda mod marbuta ma' xi titjib jew żieda fil-faċilitajiet fil-Marina. Dan apparti li fit-tweġiba m'hemmx eċċezzjoni li l-ħlas m'huwiex dovut għaliex l-attriċi m'għamlitx miljoramenti fil-Marina.

vi) Ghal dak li jikkonċerna l-ewwel zewg eċċezzjonijiet tal-konvenut, il-qorti tosserva:

- L-attriċi għandha l-locus standi in kwantu mill-provi rriżulta li hi l-operatur tal-Marina tal-Gżira fejn tirmigga d-dgħajsa tal-konvenut;
- Għalkemm ma jirriżulta x'numru għandha l-berth li jorbot magħha l-konvenut, dan in-nuqqas mhu ta ebda rilevanza għaliex m'huwiex kontestat li d-dgħajsa tal-konvenut (Deep Blue) tirmiġġa fil-Marina tal-Gżira.

**Għaldaqstant, tiċħad l-ewwel aggravju u tilqa' l-appell dwar il-meritu u għalhekk tħassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Żgħar tal-11 ta' Lulju 2014, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tikkundannah iħallas lill-attriċi s-somma ta' elfejn sitt mija u sebgħin ewro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€2,670.34)[3] bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-avviż tat-talba sad-data tal-ħlas.**

**Spejjeż tal-ewwel stadju a karigu tal-konvenut, filwaqt li spejjeż tal-**

[2] Xhieda ta' Christopher Schembri, ġia` Berthing Master mal-Malta Maritime Authority u li baqa' jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-marina fejn jirmiġġja l-intimat wara li l-irmiġġ waqa' taħt Transport Malta.

[3] Berthing fees ghas-sena 2011.

**appell jinqasmu in kwantu 15% a karigu tal-appellanti[4] u 85% a karigu tal-appellat.**

Anthony Ellul.

[4] Peress li l-ewwel aggravju ġie miċħud.